MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Numru. 626/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**KONTRA**

**VINCENT SPITERI**
**JASON JOHN DESIRA**
**AARON CHARLES ZAHRA**
**SHAWN TABONE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Vincent Spiteri ta’ 50 sena, bin Gorg u Lucy nee’ Galea, mwieled Qormi nhar it- 13 ta’ Dicembru 1959, residenti

gewwa 63, Triq San Bartolomew, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 21260(M);

U

Jason John Desira ta' 37 sena, bin Carmelo u Adolfa nee' Falzon, mwieled Pieta' nhar l- 10 ta' Dicembru 1972, residenti gewwa 21, Triq il- Bhajra, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 32273(M);

U

Aaron Charles Zahra ta' 29 sena, bin Mariano u Mary Grace nee' Formosa, mwieled Pieta' nhar it- 28 ta' Gunju 1981, residenti gewwa 88, Triq San Gorg, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 378581(M);

U

Shawn Tabone ta' 27 sena, bin Raymond u Adeodata nee' Bugeja, mwieled Pieta' nhar il- 15 ta' Gunju 1983, residenti gewwa Tiffany Court, Triq il- Bajjada, Marsa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 312383(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall- imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 16 ta' Lulju 2008 ghall- habta tan- 12.30pm ta' wara nofsinhar fi Triq il- Labour, Marsa, bla ordni skond il- Ligi tal- Awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti setgha lill- privat li jarrestaw lill- hati, arrestaw, zammwe jew issekwestraw lil Roberto Dimech li huwa xufier ta' coach bin- numru tar- registrazzjoni ACY 912 flimkien ma' diversi passiggieri ta' nazzjonalita' barranija kontra l- volonta taghhom;

2) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, nghaqdu flimkien f' gemgha ta' tlett persuni jew aktar jew baqghu flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b' mod tali u taht

cirkostanzi tali ta’ vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta’ nies, wiri ta’ armi jew xort’ ohra li setghu jgibu twerwir u biza’ fost in- nies f’ Malta;

3) Fl- istess data, hin, lok u cirkostnazi hadu parti attiva f’ gemgha ta’ ghaxra min- nies jew aktar migburin bil- hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il- gemgha ta’ nies ma kienetx giet imxewxa minn hadd in partikolari li l- istess reat li kien mahsub fil- fatt sar;

4) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, nghaqdu flimkien f’ gemgha ta’ tnax- il persuna jew aktar li ngemghu flimkien kontra l- Ligi bi ksur tal- paci pubblika, wara li gew formalment imwissija jew mitluba minn awtorita’ kompetenti biex jixxerdu kontra l- Ligi, f’ numru ta’ tnax jew aktar ghal zmien siegha wara lit kun giet maghmula dik it- twissija pubblika;

5) Lil Shaun Tabone wahdu talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta l- imessmija reati waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ tmien xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin mghotija mill- Qorti tal- Appell fil- 15 ta’ Dicembru 2006;

6) Lil Shaun Tabone wahdu talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289(1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

7) Lil Jason John Desira wahdu talli fl- 14 ta’ Lulju 2008 ghall- habta tal- 11.30 ta’ filghaxija fix- Xatt ta’ Pinto fil- Furjana flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraw hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ikkommetta hsara fuq il- vettura tal- ghamla Suzuki Vitara bin- numru tar- registrazzjoni KEN 100 ghad- dannu ta’ Kenneth Debono liema hsara hija aktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu;

8) Lil Jason John Desira wahdu talli fl- 14 ta’ Lulju 2008 ghall- habta tal- 11.30 ta’ filghaxija fix- Xatt ta’ Pinto fil- Furjana flimkien ma’ persuni ohra mhux maghrufa, bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita’ kompetenti, u barra mill-

kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lill- istess Kenneth Debono flimkien ma’ passiggieri ohra kontra l- volonta’ taghhom;

9) Lil Jason John Desira wahdu talli fl- 14 ta’ Lulju 2008 ghall- habta tal- 11.45 ta’ filghaxija fil- Furjana flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa hebb ghal Godwin Spiteri u Vincent CEsare sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

10) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b’ theddid gieghel lil Godwin Spiteri u Vincent Cesare jaghmlu, jhallu jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;

11) Kif ukoll talli Jason Desira waħdu sar reċidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza jirrelata ma’ tlitt ijiem ta’ protesta nazzjonali mis-sidien tal-karozzi tal-linja u tal-mezzi ta’ transport pubbliku, dwar mizuri li kienu proposti dak iz-zmien u li dwarhom ma kienx hemm qbil mal-awtoritajiet koncernati. Saru diversi dimostrazzjonijiet minn dawn ix-xufiera u sidien tat-trasport, b’mod illi hafna postijiet f’Malta spiccaw bit-traffiku wieqaf ghal kollox. L-erba’ imputati f’din il-kawza qed jigu akkuzati li, fil-waqt li hadu sehem f’dawn il-protesti, huma kisru l-ligi billi zammew lil Roberto Dimech, xufier ta’ “coach” privat, u lit-turisti fl-istess “coach” kontra l-volonta’ taghhom, u billi nghaqdu f’gemgha kontra l-ligi penali kif sancita fil-Kap 9. Apparti

dawn l-imputazzjonijiet, Shaun Tabone wahdu qed jigi akkuzat ukoll li kiser id-disposizzjonijiet ta’ sentenza sospiza u li hu recidiv, fil-waqt li Jason John Desira wahdu hu akkuzat li wettaq hsara volontarja fuq vettura u zamm lil sidha milli jkompli jsuq, kif ukoll li hebb ghal Godwin Spiteri u Vincent Cesare biex jingurjahom, u b’zieda maghmula fis-seduta tas-26 ta’ Frar, 2009, giet addebitata r-recidiva lilu.

Din il-kawza tittratta zewg incidenti partikolari. L-ewwel incident, li ghalih hemm imputat Jason John Desira wahdu, gara fil-lejl tal-14 ta’ Lulju 2008, meta vettura giet attakkata minn persuna jew persuni fil-Port fejn Pinto Wharf, u aktar tard fl-istess lejl meta gew aggrediti zewg haddiema tal-lukanda Excelsior. L-incident l-iehor gara fis-16 ta’ Lulju 2008 fi Triq Aldo Moro l-Marsa, meta “coach” mimlija turisti twaqqfet minn grupp ta’ nies u ma thallietx tkompli t-triq taghha ghall-ajruport. Waqt din il-protesta jew dimostrazzjoni, allegatament kienu presenti l-imputati kollha, u ghalhekk tressqu imputazjonijiet identici fil-konfront tal-erba’ imputati ghal dan l-incident.

Mill-provi prodotti rrisulta li l-imputati kienu qed jiehdu sehem f’dawn il-protesti tul it-tlitt ijiem indikati, bejn l-14 u s-16 ta’ Lulju 2008. Fir-rigward tal-protesta tas-16 ta’ Lulju, il-Qorti trid tara jekk mill-provi kienux presenti l-imputati, u jekk kienu presenti, hadux sehem attiv fil-kommissjoni ta’ reat jew reati kriminali. L-incident tas-16 ta’ Lulju essenzjalment kien jikkonsisti fis-segwenti. F’dawk il-jiem, bosta vetturi bhal “minibuses” u karozzi tal-linja kienu qed jigu pparkeggjati fit-triq, wara xulxin, bi protesta. Kultant, dawn il-vetturi kienu jispiccaw jostakolaw it-traffiku ghal hin konsiderevoli, bil-konsegwenza li tinholoq serbut twil ta’ vetturi li ma jkunux jistghu jimxu ‘l quddiem. Fis-16 ta’ Lulju, fil-hin tan-12.30pm, kien hemm numru mdaqqas ta’ “minibuses” ipparkeggjati fi Triq Aldo Moro, il-Marsa, jostakolaw il-karreggjati tat-triq li taghti ghall-ajruport. Triq Aldo Moro, li hi wiesa’ erba’ karreggjati, giet ghalhekk parzjalment imblukkata, izda mhux kompletament. Gara, izda, li hekk kif kienet gejja “coach” mimlija turisti sejra lejn l-ajruport, il-“minibus” HMY 178 harget minn postha u ostakolat it-triq

ghal din il-“coach”, b’tali mod li t-triq giet hekk imblukkata ghal madwar ghaxar minuti. Waqt dan il-hin, ix-xufiera ta’ dawn il-“minibuses” ingabru madwar din il-“coach” u bdew jaghmlu xi ftit storbju. F’dan il-hin, it-turisti li kienu fil-“coach” fi triqthom lejn l-ajruport bdew jajghtu u jibzghu minn dak li seta’ gara. Gie ppruvat li kien Shaun Tabone, bil-vettura HMY 178, li ostakola t-triq ghal Roberto Dimech u ma hallihx ighaddi minn Triq Aldo Moro ezatt quddiem il-Malta Shipbuilding. Ghalkemm fix-xiehda tieghu Dimech qal li ma gharafx lil Tabone, haga li l-Qorti ma tissorprendix ruhha fuqha f’dik il-konfuzjoni nazzjonali kollha, Tabone jammetti fl-istqarrija tieghu li hu kien bil-vann indikat f’dak il-hin, liema vann hu proprjeta’ tal-imghallem tax-xoghol tieghu, certu David Farrugia. Ghalhekk, il-Qorti bil-fors tippresumi li kien Tabone li effettivament waqqaf il-“coach” misjuqa minn Dimech, bil-konsegwenza li t-turisti li kienu fil-“coach” bdew jibzghu u jajghtu ghax hasbu li ser jigu attakkati mil-folla li kien hemm presenti fit-triq. Mill-istqarrijiet tal-imputati l-ohra jirrisulta wkoll li huma kienu hemm presenti waqt dan kollu, izda m’hijiex cara l-involviment ta’ kull wiehed minnhom f’dan kollu. Jason John Desira kien fuq il-lok tal-incident bil-vann tieghu numru GMY 004. Dan jammettih fl-istqarrija tieghu, izda hu jichad li ha sehem fl-incident fejn gie ostakolat il-“coach” in kwistjoni. L-istess jista’ jinghad ghal Vincent Spiteri, xufier tal-vann IMY 283, u ghal Aaron Charles Zahra, xufier tal-vann GMY 066, li t-tnejn ammettew li kienu presenti waqt din il-protesta, izda t-tnejn cahdu l-involviment taghhom f’dan l-incident.

L-aktar prova konkreta li hemm kontra l-imputati hi x-xiehda tas-Supretendent Ray Zammit, li xehed a fol. 116 u fol. 205 tal-process, u fejn iddikjara li l-erba’ vetturi tal-imputati kienu qed jostakolaw it-triq ghall-“coach” hawn fuq imsemmija. Di fati, ix-xhud esebixxa skizz tat-triq fejn indika l-posizzjoni tal-vetturi tal-imputati u l-“coach” in kwistjoni, esebit a fol. 122 tal-process. Din il-prova wahedha, fil-fehma tal-Qorti, hi bizzejjed biex tpoggi lill-imputati fil-lok tal-incident, haga li anke huma jammettu li kienu, izda issa tpoggihom ukoll f’sehem attiv ghall-istess incident. Is-Supretendent Zammit, li mar fuq il-post a tempo vergine, ra l-vannijiet tal-erba’ imputati jimblokkaw

it-triq għall-"coach" ta' Cancu Supreme, u għalhekk il-Qorti issa trid tiżen u tara jekk din l-azzjoni fiha nnfisha tammontax għat-twettiq ta' reat kif ipotizzat fl-imputazzjonijiet addebitati, jew inkella tammontax għal dimostrazzjoni leġittima sancita fid-dritt ta' assoċjazzjoni u ta' protesta.

L-azzjoni li wettqu l-imputati, kwantu li ostakolaw it-triq għat-traffiku, fil-fehma tal-Qorti tammonta għas-sekwestru ta' persuna skond l-Artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan l-aġir tagħhom, l-imputati effettivament waqqfu s-sewqan tal-"coach" misjuqa minn Roberto Dimech u mimlija b'turisti, u sakkru t-triq b'tali mod li bl-intervent tal-Pulizija biss dawk it-turisti setgħu jkomplu t-triq tagħhom għall-ajruport, kontra l-volonta' tal-persuni kollha abbord. Jekk l-imputati ma kienux huma l-awturi ta' dan l-att illegali, zgur li kienu kompliċi, iżda l-fatt li s-Supretendent Zammit jindika l-vannijiet tagħhom bħala l-vannijiet ewlenin li waqqfu l-"coach", allura għandhom jinstabu ħatja bħala awturi ta' dan id-delitt. L-iskop tal-imputati kien wieħed; li ma jħallux mezzi ta' transport jaħdmu mingħajr tfixkil. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel imputazzjoni tirrisulta ampjament ippruvata. Kwantu għat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni, jirrisultaw it-tieni u t-tielet, u dan bħala mezz għall-fini tal-ewwel imputazzjoni, u għalhekk fil-kunsiderazzjoni tal-piena għandu jkun hemm assorbiment fil-piena għall-ewwel imputazzjoni. Ir-raba' ma tirrisultax, għax fil-fehma tal-Qorti biex din tirnexxi jrid jintwera li l-imputati damu sieghħa ma jobdux l-ordnijiet mogħtija lilhom mill-awtoritajiet, mentri fil-fatt l-inċident dam massimu ta' għaxar minuti.

Hemm ukoll imputazzjoni fil-konfront tal-imputat Desira, u mill-provi prodotti din ukoll tirrisulta ampjament ippruvata in parte. L-inċident in esami kien dak tal-14 ta' Lulju 2008 fejn Pinto Wharf, meta vettura tat-tip Suzuki Vitara misjuqa minn Kenneth Debono ġiet aggredita minn folla ta' nies, fosthom l-imputat Desira. Fix-xiehda tiegħu, Debono jiddeskrivi xena pjuttost inkwetanti meta numru ta' xufiera li kienu qed jipprotestaw, raw il-vettura ta' Debono sejra tiegħu xi nies mill-port għal post ieħor, u għamlu minn kollox biex iwaqqfuh, tant li saret ħsara lill-vettura indikata.

Debono jaghraf lil Desira bhala wiehed minn dawk li aggredixxa l-vettura tieghu u n-nies ta' go fiha, fil-fatt jindikah bhala dak li beda jhajjar lil shabu biex jaqilbu l-vettura b'Debono go fiha. F'hin minnhom, Debono gie msakkar bejn il-grada li taghti ghal gewwa l-port u t-triq, peress illi "minibus" giet minn warajh u sakkritu. Hu harab minn fuq il-post billi saq ghal fuq in-nies li kienu qed jostakolawh, u baqa' sejjer id-Depot tal-Pulizija. Minn din ix-xiehda, fil-fehma tal-Qorti, is-seba' u t-tmien imputazzjoni jirrisultaw ampjament ippruvati ukoll. Kwantu ghad-disa' u l-ghaxar imputazzjoni, ukoll fil-konfront ta' Desira, il-Pulizija naqset milli tipproduci bhala prova lill-persuni illi allegatament gew aggrediti minnu, u ghalhekk il-Qorti ma tistax issibu hati ta' dawk iz-zewg imputazzjonijiet.

Jifdal ghalhekk il-hames u s-sitt imputazzjoni, dawk fil-konfront ta' Shawn Tabone, u l-hdax-il imputazzjoni, l-addebitu tar-recidiva moghtija lill-imputat Desira mizjuda fis-26 ta' Frar 2009. Ghal dawn l-addebiti gew esebiti s-sentenzi relattivi, wahda fil-konfront ta' Shawn Tabone a fol. 173 tal-process, u l-ohra fil-konfront ta' Desira a fol. 177 tal-process. Ghalhekk ukoll, dawn l-addebiti gew ippruvati u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fil-piena li ghandha tinghata lil dawn iz-zewg imputati.

Kwantu proprju ghall-piena, il-Qorti sejra bla tlaqliq ta' xejn tghid mal-ewwel illi azzjoni bhal ma wettqu l-imputati huma kundannabbli minghajr ebda riserva. Id-dritt li ghandhom li jipprotestaw b'mod civili u pacifiku kontra decizjonijiet tal-awtoritajiet qatt ma jistghu jissarrfu f'illi l-pajjiz kollu jigi rikattat bil-mod li sar f'dawk it-tlitt ijiem f'Lulju 2008. Apparti l-hsara konsiderevoli u inestimabbli li saret lir-reputazzjoni ta' pajjizna mal-barranin, apparti l-impressjoni li huma taw li pajjizna kien ghaddej minn taqbida civili, hadd ma jista' jaqbad u juri s-sahha tieghu billi johrog fit-toroq u jwaqqaf lil haddiehor mil-liberta' li jmur fejn irid u jaghmel xogholu. Id-dritt ta' assocjazzjoni qatt m'ghandu jwassal biex fil-pajjiz jirrenja t-terrur u l-anarkija, u min ghandu s-sahha fizika warajh jipprova jiehu r-ragun bil-forza, billi jiehu l-ligi b'idejh u jtellef il-liberta' ta' haddiehor. Il-piena li ghandhom jinghataw l-

imputati hija wahda ta’ prigunerija effettiva ghall-erba’ li huma, u ghandha tirrefletti l-gravita’ u s-serjeta’ tar-reati mwettqa mill-imputati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 86, 79, 68(2), 80, 28A u 28B, 49, 50, 339(1)(d), 251, 289, u 325 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Ma ssibx lill-imputati hatja tar-raba’ imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberahom minnha;
Ma ssibx lill-imputat Jason John Desira hati tad-disa’ u l-ghaxar imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom;

Issibhom hatja tal-ewwel, it-tieni u it-tielet imputazzjoni;
Issib lil Shawn Tabone hati wkoll tal-hames u s-sitt imputazzjoni;
Issib lil Jason John Desira hati tas-seba’ u t-tmien imputazzjoni, u tal-hdax-il imputazzjoni;

U Ghalhekk tikkundanna:
Lil Vincent Spiteri u lil Aaron Charles Zahra, terminu ta’ prigunerija ta’ tmintax-il xahar;
Lil Jason John Desira, terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn u sitt xhur;
Lil Shawn Tabone, terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn, u tordna d-dhul fis-sehh tas-sentenza ta’ tminn xhur prigunerija datata 15 ta’ Dicembru 2006;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------